## Attivitajiet għax-xahar ta’ Diċembru

**Il-Ġimgħa 5 ta’ Diċembru**: Project House Floriana 8.30 p.m. Illum se nagħmlu attivita’ li suppost saret ix-xahar li għadda iżda kellha titħassar minħabba l-maltemp. Se nilqgħu forstna liż-żagħżagħ li marru għall-Olimpijadi ż-żgħar ħafna minnhom b’suċċess. Din l-attivita’ qegħda f’idejn is-sur Silvio Ellul. Se nagħtuhom ukoll “token” bħala rikordju tal-laqgħa tagħhom magħna. Din hi okkażjoni speċjali biex niltaqgħu ma’ l-atleti żgħar li għamlu unur lil Malta fl-ispecial Olympics. Nispera li nattendu bi ħgarna biex nagħtuhom merħba sabiħa.

**It-Tnejn 8 ta’ Diċembru**: Festa tal-Kunċizzjoni. Biex nagħmlu ġest ta’ Solidarjeta’ għal żmien il-Milied se mmorru nżuru lill-anzjani fid-dar tal-Mużew – Dar is-Samaritan it-Tajjeb li tinsab Santa Venera. Dettalji aktar tard.

**Il-Ġimgħa 12 ta’ Diċembru:** Project House Floriana. 8.30 p.m. Illum is-sinjura Connie Azzopardi se tagħmlilna Charades – logħob bejnietna fejn min jimita xi isem ta’ film jew kanzunetta u min jaqta’ x’inhi. Illum se ntellgħu ukoll hamper għall-Milied.

**Is-Sibt 13 ta’ Diċembru**: 8.00 p.m. Illum se mmorru ikla buffet is-Soreda Hotel, Qawra. Niltaqgħu fit-tmienja fil-foyer tal-hotel. Prezz: €16.

**Il-Ġimgħa 19 ta’ Diċembru:** 8.30 p.m. Project House Floriana: Illum se nagħmlu il-Christmas Party u l-Birthday Celebrations flimkien. Kull min jagħlaq sninu f’Diċembru huwa l-mistieden speċjali. Prezz €7.

**L-Erbgħa 31 ta’ Diċembru:** Illum se niċċelebraw tmiem is-sena flimkien billi mmorru il-Maritim Antonin Hotel, il-Mellieħa, għall-buffet dinner ta’ New Year’s Eve. Se jkun hemm entertainment u iżfnu kemm tridu! Prezz €60.

Hawn taħt għandkom il-menu. Għal min ma jridx isuq se nikru mini bus jew private li titlaq minn ħdejn Project House. Tridu tibbukkjaw kmieni għax inkella ma nsibux! Se niġbru deposit ta’ €30 għall- buffet u €3 għall-private minn qabel.

**Il-Pantomima ġol-Istitut Kattoliku:** Bħal kull sena f’Jannar se mmorru naraw il-Pantomima fl-Istitut Kattoliku. Din popolari ħafna fost il-membri. Ejjew u ġibu l-ħbieb! Pero’ tuna risposta malajr għax irridu nibbukjaw. Din is-sena l-pantomima jisimha ***Sindyrella u l-Bestja.*** Dettalji aktar tard.


**Chairperson: Maria Borg Mob. 9927 1981**
**Secretary: Louise Suda Mob. 9949 8784**
**Email: secretary@minusone.eu or info@minusone.eu**
**Find us on facebook: MinusOne Grp**
**https://minusonemalta.wordpress.com/**








**Volum 17, Harga 10** **Diċembru 2014**


Għeżież membri,

Nagħtikom merħba għall-aħħar edizzjoni tan-newsletter tagħna.

Kif tafu kellna sena mimlija daqs bajda bl-attivitajiet u dan l-aħħar qed nieħu gost nara l-grupp jerġa’ jissaħħaħ u jiżdiedu l-membri. Huwa dover tagħna lkoll li nippruvaw inħeġġu oħrajn li għandhom bżonn is-sapport bħalna biex jingħaqdu magħna ħalli huma wkoll isibu l-għajnuna. Nieħu gost nara l-membri iduru ma xi membru ġdid u jgħinuh iħossu “welcome” ħalli ma jħossux ħuta barra mill-ilma.

Kif tafu meta nqala’ ħafna maltemp kellna nħassru l-attivita’ mal-atleti għalhekk se nagħmluha dan ix-xahar. Se jkollna l-Christmas party u birthday celebration, l-ikla ta’ New Year’s Eve, il-vista lix-xjuħ u l-pantomima.

Iddeċidejna wkoll li kull meta jkun ħafna maltemp ma nagħmlux il-laqgħat u min ikollu xi diffikulta’ dwar hix se ssir il-laqgħa jew le iċempel jew lili jew lil xi membru ieħor tal-kumitat. Il-mobile number tiegħi suppost kulħadd jafu: 99271981, u ta’ Louise Suda: 99498784.

Nixtieq nieħu din l-opportunita’ biex nirringrazzja lill-membri tal-kumitat tal-ko-operazzjoni li dejjem urew u tax-xogħol siewi li jagħmlu. Nirringrazzja b’mod speċjali lil Louise Suda u lil Doreen Mercieca li ttella’ n-newsletter. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-membri kollha li b’xi mod jew ieħor jagħtu daqqa t’id billi jew jgħinu biex jorganizzaw attivitajiet, lill-membri li jagħmlu l-kafe’, lil dawk li jgħinu fil-birthday celebrations u anke lil dawk li jgħinu billi jilqgħu il-membri ġodda. Grazzi lil kulħadd.

Fl-aħħar nett nixtieq nawgura lilkom u l-familji u l-ħbieb tagħkom il-Milied it-tajjeb u sena ġdida 2015 mimlija saħħa, hena, ġid u barka.

**Is-Sena t-Tajba!**

Dejjem taghkom,
*Maria*

## *The Gold Wrapping Paper*

An Inspirational Short Christmas Story

Once upon a time, there was a man who worked very hard just to keep food on the table for his family. This particular year a few days before Christmas, he punished his little five-year-old daughter after learning that she had used up the family's only roll of expensive gold wrapping paper.

As money was tight, he became even more upset when on Christmas Eve he saw that the child had used all of the expensive gold paper to decorate one shoebox she had put under the Christmas tree. He also was concerned about where she had gotten money to buy what was in the shoebox.

Nevertheless, the next morning the little girl, filled with excitement, brought the gift box to her father and said, "This is for you, Daddy!"

As he opened the box, the father was embarrassed by his earlier overreaction, now regretting how he had punished her.

But when he opened the shoebox, he found it was empty and again his anger flared. "Don't you know, young lady," he said harshly, "when you give someone a present, there's supposed to be something inside the package!"

The little girl looked up at him with sad tears rolling from her eyes and whispered: "Daddy, it's not empty. I blew kisses into it until it was all full."

The father was crushed. He fell on his knees and put his arms around his precious little girl. He begged her to forgive him for his unnecessary anger.

An accident took the life of the child only a short time later. It is told that the father kept this little gold box by his bed for all the years of his life. Whenever he was discouraged or faced difficult problems, he would open the box, take out an imaginary kiss, and remember the love of this beautiful child who had put it there.

